DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/2/UE

tas-27 ta' Jannar 2010

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward tal-estensjoni tal-użu tas-sustanza attiva chlormequat

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u b'mod partikolari t-tieni inċiż tat-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Bis-saħħa tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/37/KE [2], il-chlormequat kienet inkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

(2) Meta kien qed japplika għall-inklużjoni tal-chlormequat, in-notifikatur tagħha, CCC Task Force, ressaq dejta dwar l-użu bħala regolatur tat-tkabbir tal-pjanti, liema dejta appoġġat il-konklużjoni ġenerali li tgħid li hu mistenni li prodotti li jipproteġu l-pjanti li fihom il-chlormequat għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' sikurezza stabbiliti fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE. Madankollu, il-chlormequat kienet inkluża fl-Anness I ta' dik id-Direttiva bid-dispożizzjoni speċifika li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw biss użi tagħha fuq iċ-ċereali.

(3) Barra minn dak l-użu, il-Belġju u l-Iżvezja issa applikaw għal emenda għal din id-dispożizzjoni speċifika biex jawtorizzaw l-użu tal-chlormequat fuq ornamenti u ħaxix għaż-żrieragħ, rispettivament. Fid-29 ta' Ottubru 2009 u fl-4 ta' Novembru 2009 dawn l-Istati Membri infurmaw lill-Kummissjoni bil-konklużjoni tagħhom li l-estensjonijiet tal-użu mitluba ma jikkawżaw ebda riskju ieħor barra dawk li diġà tqiesu fid-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-chlormequat fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE u fir-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni dwar is-sustanza. B'mod partikolari, l-estensjonijiet jikkonċernaw applikazzjonijiet dwar għelejjel mhux edibbli u għaldaqstant mhu se jkun hemm ebda residwi fl-ikel. Barra minn dan, il-parametri l-oħra ta' applikazzjoni, kif stipulati fid-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, jibqgħu l-istess.

(4) Għalhekk huwa ġustifikat li jkunu modifikati d-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-chlormequat.

(5) Għaldaqstant huwa xieraq li d-Diretttiva 91/414/KEE tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa mhux iktar tard mit-28 ta' Mejju 2010, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mid-29 ta' Mejju 2010.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 104, 24.4.2009, p. 23.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak li fih tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2010.

Għall-Kummissjoni
José Manuel BARROSO
Il-President

ANNESS

Fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, ir-ringiela 281 hi sostitwita b'dan li ġej:

Nru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Dħul fis-seħħ	Skadenza tal-inklużjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"281	chlormequat Nru tal-CAS 7003-89-6 (chlormequat) Nru tal-CASº999-81-5 (chlormequat chloride) Nru tal-CIPAC 143 (chlormequat) Nru tal-CIPAC 143.302 (chlormequat chloride)	*2-chloroethyltrimethylammonium (chlormequat)* *2-chloroethyltrimethylammonium chloride* *(chlormequat chloride)*	≥ 636 g/kg Impuritajiet 1,2-dichloroethane: mass. ta' 0.1 g/kg (fuq il-kontenut niexef tal-chlormequat chloride). Chloroethene (vinylchloride): mass. ta' 0,0005 g/kg (fuq il-kontenut niexef tal-chlormequat chloride).	1 ta' Diċembru 2009	30 ta' Novembru 2019	PARTI A L-użu bħala regolatur tat-tkabbir tal-pjanti fuq iċ-ċereali u l-għelejjel edibbli biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-chlormequat għal użu għajr dak fis-segala u t-triticale, notevolment fejn jidħol l-esponiment tal-konsumaturi, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(1) (b), u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kull dejta u informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-chlormequat u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-23 ta' Jannar 2009. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti: — għas-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali adegwat; — lill-protezzjoni tal-għasafar u l-mammiferi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju, fejn ikun xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' aktar informazzjoni dwar id-destin u l-imġiba (studji ta' assorbiment li għandhom isiru fl-20 °C, kalkolu mill-ġdid tal-konċentrazzjonijiet imbassra fl-ilma taħt l-art, fl-ilma tal-wiċċ u s-sediment), il-metodi ta' monitoraġġ għall-kalkolu tas-sustanza fi prodotti u ilma għall-annimali, u r-riskju għall-organiżmi akkwatiċi, l-għasafar u l-mammiferi. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant li fuq talba tiegħu ġiet inkluża l-chlormequat f'dan l-Anness jipprovdi informazzjoni bħal din lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2011."

[1] Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva huma pprovduti fir-rapport ta' reviżjoni.